Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

Data tal-laqgħa: 26 ta' Novembru 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 5. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

6.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Viċi Sindku EG, il-minuti ġew approvati.

## 6.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

6.3.1 <u>Para 5.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-SE infurmat li qed nistennew risposta mill-kuntrattur tal-*istreet lighting* dwar il-proposta biex isir dawl mas-siġar tal-pjazza. Is-Sindku talab li nġibu kwotazzjoni minn xi ħadd ieħor.

6.3.2 <u>Para 5.3.2 – *Residential Parking Scheme*</u>
Is-Sindku infurma li għandna qed nistennew risposta u għalhekk se jikteb lill-Ministru responsabbli.

6.3.3 <u>Para 5.3.4 - *Framework Agreement – Public Works*</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni biex għal *patching* (*hot asphalt*) ta' Triq Santa Marija ġiet sottomessa lill-*Public Works*.

6.3.4.1 <u>Para 5.3.10 - *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza</u>
Go plc infurmaw li qegħdin f'taħditiet mal-awtoritajiet. Kif ikollhom direzzjoni se jikkuntattjaw lill-Kunsilli Lokali interessati.

6.3.4.2 Is-Sindku irrimarka li hemm numru ta' Kunsilli li diġà ingħataw l-amministrazzjoni tat-*telephone box* u għalhekk ma nistgħux nifhmu x'inhu dan id-dewmien. Is-SE se tikteb lura lill-Go plc f'dan ir-rigward.

6.3.5 <u>Para 5.4.1 – Vjal Kulħadd</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għal din l-inizjattiva biex isir il-proġett *Enhancement of Community Well-Being* fi Plot Vakanti li jinsab fi Triq Birbal k/m Triq il-Papa Alessandru VII k/m Triq Idmejda ġiet sottomessa u qed tiġi evalwata minn IM.

6.3.6 <u>*Speed tables*</u>
Is-Sindku semma li fil-Kunsill preċedenti TM kienu approvaw permess biex issir *speed table* fi Triq il-Kbira (fejn il-Każin tal-Football). Is-SE infurmat li IM kienu ikkonfermaw li se ssir minnhom wara li ssir it-triq. Is-Sindku talab biex issir mill-Kunsill, peress li għad m'għandux dettalji ta' meta se ssir it-triq. Is-SE se terġa' iġġib kwotazzjoni.

**F'dan il-ħin (5.13pm) daħlet il-Kunsillier MLB għal-laqgħa.**

6.3.7 <u>Para 5.13.8 - OSCE Meeting</u>
Is-Sindku għamel referenza għal *email* li bagħat is-Sur Michael Cohen (TM) dwar din il-laqgħa. Il-Kunsill se jikkoopera mal-istruzzjonijiet maħruġa, però niġbdu l-attenzjoni li Vjal De Paule hija parti minn Ħal Balzan u mhux Ħ'Attard.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.4.1 <u>Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill</u>
Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq il-laqgħa li saret il-ġimgħa li għaddiet mal-Perit dwar numru ta' punti pendenti:

1. <u>Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla</u>
   Is-Sindku infurma li l-Perit qed jistenna s-*survey* tat-triq biex ikun jista' jipprepara l-pjanti. Sadanittant, se nkunu qed inwaħħlu tabelli biex is-sidien ma jħallux il-klieb tagħhom iħammġu fil-ħamrija.

2. <u>Bankini fi Triq San Franġisk</u>
   Is-Sindku infurma li l-Avukat tal-Kunsill (li kien preżenti fil-laqgħa mal-Perit) ser ikun qed jipprepara risposta biex tintbagħat lill-IM.

3. <u>Mural ta' Gabriel Caruana</u>
   Dwar il-*mural,* il-Perit se jibgħatilna d-dettalji. Se nibagħtu *reminder*.

6.4.2.1 <u>Xogħlijiet tal-WSC</u>
Is-Sindku infurma li kellu laqgħa maċ-Chairman u rappreżentanti tal-WSC, fejn wassal ir-rabja kbira li hawn għas-sitwazzjoni li ilha għaddejja 7 xhur. WSC qalu, bħal ma' diġà qalu pubblikament, li il-kuntrattur mhux jonora t-termini tal-kuntratt. Għal darb'oħra, ingħatajna data ġdida (nofs Diċembru) ta' meta se jkun lest ix-xogħol. Is-Sindku infurmahom ukoll bix-xogħol ħażin li qed isir u indikalhom numru ta' *issues* u ħsarat. Is-Sindku qal li reġa' infurma b'dawn l-*issues* lis-Sur Damian Whitehead (Kap tal-Proġetti), li huwa l-iktar persuna fi ħdam il-WSC li qed twieġeb għall-ilmenti li nibgħatu.

6.4.2.2 Is-Sindku qal li, fl-istess laqgħa indikawlu li hemm proġett ieħor li se jkunu qed jagħmlu. Dan hu li jsolvu l-problema tad-drenaġġ li hemm f'Wied Ħal Balzan (ifur id-drenaġġ fejn iċ-ċimiterju). Dan billi jaqilgħu Triq il-Kbira minn fejn *ex-Dolphin Centre* sal-*ex-Costa Coffee.* Il-Kunsill talab li dan ix-xogħol isir fis-sajf, fil-perjodi li tkun magħluqa l-iskola. Se jkunu qed jibgħatu *Impact Area Map.* Apparti minn hekk, is-Sindku talabhom jibgħatulna *gantt chart* dettaljata qabel jibda' x-xogħol sabiex tiġi ppubblikata għar-residenti.

6.4.2.3 Il-kumplament ta' Triq il-Kbira suppost li se ssir minn IM. Bħala Kunsill ktibna lill-IM biex jinfurmawna bl-iżviluppi.

6.4.3 <u>Laqgħa mal-*Community Police*</u>
Is-Sindku infurma li kellu laqgħa mal-*Community Police*. Ġejna nfurmati li minn din il-ġimgħa hemm persuna oħra responsabbli, u għalhekk se niċċekkjaw magħha jekk hiex infurmata bl-*issues* li ssemmew fl-aħħar laqgħa magħhom.

6.4.4 <u>Parkeġġ illegali quddiem iz-zuntier</u>
Issemmiet il-problema regolari ta' parkeġġ illegali fuq il-bankina, fejn ta' sikwit qed jiġi ostakolat ukoll it-traffiku ta' Triq il-Kbira. Ġie ssuġġerit li jiġu nstallati *bollards* biex ma jipparkjawx aktar karozzi. Jingħata aċċess għall-karozzi tat-tiġijiet, funerali u f'każ ta' xi permess. Il-Kunsill approva u se napplikaw ma' TM.

## 6.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

6.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 6.7 *iBiNs Collaboration Agreement*

6.7.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-ftehim propost mill-GreenPak. Is-SE infurmat li talbet lill-GreenMT biex jissottomettu il-proposta tagħhom, però din qatt ma bagħtuha.

6.7.2 Il-proposta ġiet diskussa u approvata mill-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li ninkludu dawn il-punti mal-ftehim:

- Il-Kunsill għandu jiġi notifikat jekk jinnutaw li hemm skart mormi madwar il-kontenituri;
- Il-Kunsill jingħata skeda tal-ġranet li jiġu mbattla l-kontenituri; u
- Il-Kunsill jingħata skeda tal-ġranet ta' tindif tal-kontenituri.

6.7.3 Il-Kunsill talab li jitneħħa l-kontenitur taż-żjut miż-żona għax qed ikun hemm ħafna ħmieġ. Is-SE se tinfurma lill-kumpanija li tipprovdi dawn il-kontenituri biex ineħħuh.

## 6.8 Skemi Finanzjarji

6.8.1 Skema Finanzjarja għall-Proġetti ta' Kulturali u Artistiċi – Reġjun Tramuntana

Is-SE infurmat lir-Reġjun approva li jestendi din l-iskema sa Marzu 2025 u għalhekk il-Kunsill se juża l-kumplament tal-fond għal Jum San Valentin 2025.

## 6.9 Attivitajiet u Tiżjin għal żmien il-Milied

6.9.1 Mixgħela tad-dwal tal-Milied

Is-Sindku qal li d-dawl ser jixgħel fl-aħħar ta' din il-ġimgħa. Is-Sindku qal li s-soltu jiltaqgħu il-Kunsilliera kollha biex issir il-mixgħela, li tkun imxandra dirett fuq il-paġna ta' Facebook.. Kien hemm diskussjoni u nuqqas ta' qbil fuq il-ġurnata u għalhekk ġie deċiż li ma ssirx. Is-SE se tinfurma lill-kuntrattur biex jixgħel id-dawl il-Ħamis, mingħajr ma ssir il-mixgħela.

6.9.2.1 Attività għal żmien il-Milied

Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq il-preparamenti tal-attività li qed tiġi ppjanata għat-22 ta' Diċembru 2024. Bħas-sena preċedenti se nkunu qed nistiednu li s-Sur Albert Mc Carthy (*Father Christmas* ta' Malta) u lill-Għaqdiet tal-lokal biex jipparteċipaw.

## 6.10 Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla

6.10.1 Il-proġett ġie diskuss aktar qabel f'*item* 6.4.1.

## 6.11 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

6.11.1 Gabriel Caruana

Il-*mural* ta' Gabriel Caruana u f'*item* 6.4.1.

6.11.2 Konti Bernardo Manduca

Dwar il-plakka tal-irħam tal-Konti Manduca, is-Sindku se jerġa' jipprova jkellem lil sid Villa Macedonia.

6.11.3 Mons. Dun Ġwann Dimech

Il-Kunsill kellu jidentifika post fi Triq l-Imdina, fejn jista' jitpoġġa bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa biex minflok bust, issir plakka mal-ħajt tal-Knisja li tikkommemora lill-Monsinjur. Il-Kunsill approva. Se nitolbu lill-Kappillan għal permess.

## 6.12 Xogħlijiet mill-WSC / Enemalta plc

6.12.1 Il-proġett ġie diskuss aktar qabel f'*item* 6.4.2.

## 6.13 *Heavy Vehicles* – Triq il-Providenza

6.13.1 Dwar il-problema ta' vetturi kbar li qed jagħmlu ħsara fil-proprjetajiet meta jgħaddu mit-triq, is-SE infurmat lill-Kunsill bl-opzjonijiet issuġġeriti minn TM (DOK 1).

6.13.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma' opzjoni nru. 3, li jiġi definit il-limitu ta' għoli / daqs għal vetturi tqal li għandhom jgħaddu mit-triq.

6.13.3 Is-SE infurmat li l-idjaq parti tat-triq hija 2.6m u għalhekk il-Kunsill approva li jillimita vetturi kbar sa massimu ta' 2m wiesa'. Se napplikaw għal permess ma' TM.

## 6.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

6.14.1.1 Manutenzjoni

Il-Viċi Sindku infurma li hemm jiġi miżbugħ il-bank li hemm fejn kien l-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva u se jiġi miżbugħ bħal bankijiet tal-pjazza, bit-tliet (3) kuluri ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru l-bankijiet ta'

fejn *Old Smugglers'* biex b'hekk ikunu kollha uniformi.

6.14.1.2 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa wkoll li tiġi miżbugħa l-gazebo. Il-Kunsill qabel u dan ix-xogħol se jsir qabel l-attività tal-Milied.

6.14.2 Wesgħa Ġiġi Gauci

Il-Viċi Sindku staqsa dwar min ser iħawwel il-*planters* fil-Wesgħa. Is-Sindku infurma li l-Kunsill hu responsabbli. Se niċċekkjaw mal-kuntrattur biex jissuġġerixxi x'tip ta' pjanti kkuluriti l-aħjar li nħawwlu.

6.14.3 Linji sofor fi Buontempo Estates

Il-Kunsillier ONDG infurma li nġibditlu l-attenzjoni fuq dyl li hemm quddiem garaxx privat fi Buontempo Estate. Se jibgħatilna d-dettalji biex issir spezzjoni.

6.14.4 Laqgħa tal-Lokalità

Il-laqgħa pubblika ta' Diċembru mhix se ssir, peress li għadha kif saret waħda fl-aħħar ta' Settembru 2024.

6.14.5 *Poinsettias Campaign* 2024

Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-President dwar *Poinsettias Campaign* b'risq il-MCCF. Il-Kunsill unanimament approva li jalloka €495 biex jinxtraw poinsettias. Residenti ser jkunu jistgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Dawn ser ikunu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served.*

6.14.6 Kwotazzjonijiet għal bord elettroniku

Is-SE ressqet kwotazzjonijiet biex jinxtara bord elettroniku. Il-Kunsill qabel li dan il-proġett għalissa jitpoġġa *on hold* sakemm tinħareġ xi skema finanzjarja peress li huma wisq għaljin.

6.14.7.1 Applikazzjoni biex issir *un/loading bay* fi Triq San Franġisk

Is-SE infurmat li l-applikazzjoni biex issir *un/loading bay* quddiem *Balzan Pharmacy* ma ġietx approvata minn TM għax spiżerija mhix eliġibbli għal *un/loading bay*. TM qed jissuġġerixxu biex minflok issir *15 / 30 min Timed Parking Bay.*

6.14.7.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal *15min Timed Parking Bay* mit-Tnejn sas-Sibt waqt il-ħinijiet tal-ftuħ biss. Se nikkonfermaw il-ħinijiet tal-ftuħ tal-ispiżerija biex napplikaw għal permess ma' TM.

6.14.8 Talba biex issir *un/loading bay* f'Wied Ħal Balzan

*Manor House* qed tinsisti li ssir *un/loading bay* quddiem il-ħanut għax li hemm f'Wied Ħal Balzan qegħdin 'il bogħod mill-ħanut. Il-Kunsill irrimarka li *un/loading bay* mhix qiegħda biex ikun hemm quddiem kull ħanut iżda jkun hemm waħda fiż-żona biex mill-ħwienet tal-viċinanzi. U għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

6.14.9 Talba biex tiċċkien *reserved parking bay* fi Triq San Franġisk

Residenta qed jitlob biex tiċċkien ir-*reserved parking bay* tal-President Emeritu u l-kaxxa s-safra ta' ħdejha, biex isir MC Bay għax skond ir-residenta dawn huma kbar ħafna. Din it-talba ma ġietx approvata. Kull President Emeritu għandu dritt li jkollu *reserved parking bay*.

6.14.10 *MC Bay* fiż-żona tal-Pjazza

Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li ssir *MC Bay* fiż-żona tal-Pjazza. Se ssir spezzjoni biex jiġi identifikat spazju għal muturi u napplikaw għal permess ma' TM.

## 6.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

6.15.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/24, li tinkludi l-ammont ta' €162.86c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ottubru 2024.

6.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

6.15.3 Minħabba kunflitt ta' interess, il-Kunsillier MLB assentat ruħha mill-approvazzjoni ta' pagament nru. 34 (transazzjoni nru. 404/24).

## 6.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

6.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25pm.

6.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 17 ta’ Diċembru 2024 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 17 ta’ Diċembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

DOK 1

**Balzan Local Council at Balzan Local Council**

---

**From:** Debono Tommy at Transport
**Sent:** Friday, 15 November 2024 08:36
**To:** Balzan Local Council at Balzan Local Council
**Subject:** RE: Heavy Vehicles - Triq il-Providenza

Dear Ms Farrugia

The Council have the following options:

1. Remove the words except to render a service and restrict access to all heavy vehicles.
2. Define what is being meant by render a service – clarify the service such as REFUSE TRUC, GAS TRUCK etc...
3. Define the height/size limitation for heavy vehicles which should pass.

In either way, the Council is to apply within accordingly by submitting the usual documentations.

Regards,

Thomas

---

**From:** Balzan Local Council at Balzan Local Council <balzan.lc@gov.mt>
**Sent:** Thursday, November 14, 2024 12:58 PM
**To:** Debono Tommy at Transport <tommy.debono@transport.gov.mt>
**Subject:** Heavy Vehicles - Triq il-Providenza

Dear Mr Debono,

A number of residents are encountering damage to their property by heavy vehicles passing from Triq il-Providenza, since the street is very narrow. In this street, we already have 'No Entry for Heavy Vehicles except to render a service' signs installed.

The Council would like to check whether we can include some sort of limitation on the size of heavy vehicles that render a service in the street.

Thanks and Regards,

Doriette Farrugia
Executive Secretary / Segretarju Eżekuttiv
Ħal Balzan Local Council / Kunsill Lokali Ħal Balzan

Tel: [+356] 21442323

7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN1020
https://balzanlc.gov.mt

Office Hours:
Winter: Monday - Friday: 8.00am - 11.30am & 1.30pm - 3.30pm
Saturday: 8.00am - 11.30am